A.L. 15 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-7 ta' Jannar, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Flat numru 13, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Blokk C2, Birkirkara (Rural Tenement No. 51057).

(2) Id-dar bin-numru 4A, Pjazza San Pawl, Ħamrun.

(3) Flat numru 1, Blokk O, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Triq Xemxija, Marsa (Kuntratt Nru. 51/82 tas-17 ta' Frar, 1982 fl-atti tan-Nutar A. Grech).

(4) Flat numru 4, Blokk E, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Triq Xemxija, Marsa (Kuntratt Nru. 51/82 tas-17 ta' Frar, 1982 fl-atti tan-Nutar A. Grech).

(5) Id-dar bin-numru 5, Triq il-Ganfra, Mġarr (Rural Tenement No. 50589).

(6) Flat numru 5, Blokk A3, Triq il-Gzari, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Mosta (Kuntratt Nru. 6/75, 5/75 tal-15 ta' Jannar, 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech).

(7) Flat numru 4, Blokk D, Bieb 6, Qasam tad-Djar tal-Gvern Għajn Kajjet, Rabat (Kuntratt Nru. 90/77 tat-13 ta' April, 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech).

(8) Id-dar bin-numru 123, Triq il-Kbira, San Ġiljan.

(9) Flat numru 8, Blokk A, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Ganza, Żejtun (Kuntratt Nru. 273/75 tat-30 ta' Settembru, 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech).

(10) Id-dar bin-numru 54, Triq il-Marrubja, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Żejtun (Kuntratt Nru. 229/71 tal-5 ta' Ġunju, 1971 fl-atti tan-Nutar A. Grech).

(11) Flat numru 20, Blokk B, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Ganza, Żejtun (Kuntratt Nru. 273/75 tat-30 ta' Settembru, 1975).